II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/261

tas-6 ta' Frar 2015

li temenda d-Deċiżjonijiet 2010/470/UE u 2010/471/UE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina

(notifikata bid-dokument C(2015) 548)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 lli tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (I) ta' Direttiva 90/425/KEE [1], u b'mod partikolari r-raba' inċiż tal-Artikolu 11(2), it-tielet inċiż tal-Artikolu 11(3), l-Artikolu 17(2)(b), u l-ewwel inċiż tal-Artikolu 18(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 92/65/KEE tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Unjoni. Hija tinkludi rekwiżiti għall-kummerċ u għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina ("il-prodotti"). Barra minn hekk, tipprevedi mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa li jridu jiġu stabbiliti għall-kummerċ u għall-importazzjonijiet tal-prodotti fl-Unjoni.

(2) L-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE jistabbilixxi ċerti rekwiżiti għall-prodotti li għandhom jiġu inklużi fil-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ u għall-importazzjonijiet tal-prodotti fl-Unjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/470/UE [2] stipulat mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina, fost l-oħrajn.

[1] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/470/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 li tistabbilixxi mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-kummerċ fl-Unjoni tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċijiet ekwina, ovina u kaprina u tal-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi porċina (ĠU L 228, 31.8.2010, p. 15).

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/471/UE ([1]) stipulat il-kundizzjonijiet għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina fir-rigward ta' listi ta' ċentri ta' ġbir u ħażna ta' semen u timijiet ta' ġbir u produzzjoni tal-embrijuni u rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni.

(5) Wara l-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 846/2014 ([2]), li jemenda l-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE, li introduċa regoli ġodda dwar is-superviżjoni taċ-ċentri tal-ġbir tas-semen u stipulat il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu applikati fuq l-annimali donaturi tas-semen, l-ova u l-embrijuni tal-ispeċi ekwina flimkien ma' dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE ([3]), jeħtieġ li jiġu stabbiliti mudelli ġodda taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' dawk il-prodotti. Ir-Regolament (UE) Nru 846/2014 huwa applikabbli mill-1 ta' Ottubru 2014.

(6) Għalhekk, minħabba l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa stipulati fid-Deċiżjonijiet 2010/470/UE u 2010/471/UE għandhom jiġu emendati. Il-prodotti miġbura u mibgħuta wara d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 846/2014 u din id-Deċiżjoni għandhom ikunu akkumpanjati mill-mudelli l-ġodda taċ-ċertifikati tas-saħħa stabbiliti b'din id-Deċiżjoni.

(7) Peress li l-prodotti għandhom skadenza fit-tul, jeħtieġ għaldaqstant li jinżammu mudelli ta' ċertifikati tas-saħħa għal stokkijiet ta' prodotti li ġew miġbura, ipproċessati u maħżuna skont id-Direttiva 92/65/KEE qabel id-data ta' applikazzjoni tal-emendi introdotti bir-Regolament (UE) Nru 846/2014, kif ukoll dawk introdotti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 176/2010 ([4]).

(8) Barra minn hekk, il-punt I. 11. "Post tal-oriġini" tal-Parti I tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa stipulati fid-Deċiżjoni 2010/471/UE għandu jiġi emendat sabiex jippermetti ċentru wieħed biss tal-ġbir tas-semen ta' oriġini jew ċentru għall-ħażna tas-semen ta' dispaċċ tas-semen jew tim tal-ġbir jew tal-produzzjoni ta' oriġini approvat tal-embrijuni jew tal-ova u biex jiġi allinjat mal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa stipulat fid-Deċiżjoni 2010/470/UE.

(9) Barra minn hekk, fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina stabbilit bħala l-Mudell 1 fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/471/UE u fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina stabbilit bħala l-Mudell 1 fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/471/UE, il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tal-istomatite vesikulari għandhom jiġu emendati filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali għall-ittestjar tas-saħħa stabbiliti fil-Manwal ta' Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri ([5]).

(10) Sabiex ikomplu jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, minħabba li hija marbuta mar-rekwiżiti żootekniċi u mhijiex rilevanti għaċ-ċertifikazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali, huwa xieraq li titħassar l-informazzjoni dwar ir-razza mill-punt I.31. tal-Parti I tal-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa stipulat fid-Deċiżjoni 2010/470/UE u l-punt I.28. tal-Parti I tal-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa stipulat fid-Deċiżjoni 2010/471/UE.

(11) Id-Deċiżjonijiet 2010/470/UE u 2010/471/UE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/471/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 dwar importazzjonijiet fl-Unjoni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina fir-rigward ta' listi ta' ċentri ta' ġbir u ħażna ta' semen u timijiet ta' ġbir u produzzjoni tal-embrijuni u rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni (ĠU L 228, 31.8.2010, p. 52).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 846/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 li jemenda l-Anness D tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE rigward il-kundizzjonijiet għall-annimali donaturi tal-ispeċi ekwina (ĠU L 232, 5.8.2014, p. 5).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi (ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 176/2010 tat-2 ta' Marzu 2010 li jemenda l-Anness D tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE dwar ċentri għall-ġbir u l-ħażna tas-semen, gruppi għall-ġbir u l-produzzjoni tal-embrijuni, u l-kundizzjonijiet għal annimali donaturi tal-ispeċi ekwini, ovini u kaprini u għall-ġestjoni ta' semen, ova u embrijuni ta' dawk l-ispeċi (ĠU L 52, 3.3.2010, p. 14).

([5]) Manual of Diagnostic Tests and Vaccines for Terrestrial Animals, Edition 2013, World Organisation for Animal Health.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi fid-Deċiżjoni 2010/470/UE

Id-Deċiżjoni 2010/470/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikoli 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Kummerċ fis-semen ta' annimali mill-ispeċi ekwina

Ċertifikat tas-saħħa skont wieħed mill-mudelli li ġejjin stipulati fl-Anness I għandu jakkumpanja kunsinji tas-semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina matul it-trasport minn Stat Membru għal ieħor:

(a) il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa IA għall-kummerċ fl-Unjoni fil-kunsinji tas-semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura wara t-30 ta' Settembru 2014 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen;

(b) il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa IB għall-kummerċ fl-Unjoni fl-istokkijiet tas-semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen;

(c) il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa IC għall-kummerċ fl-Unjoni fl-istokkijiet tas-semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen;

(d) il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa ID għall-kummerċ fl-Unjoni fil-kunsinji ta':

(i) semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbur, ipproċessat u maħżun skont id-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u mibgħut minn ċentru ta' ħażna tas-semen approvat;

(ii) stokkijiet ta' semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna skont id-Direttiva 92/65/KEE:

— wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014; jew

— qabel l-1 ta' Settembru 2010;

u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru ta' ħażna tas-semen approvat.

Artikolu 3

Kummerċ fl-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina

Ċertifikat tas-saħħa skont wieħed mill-mudelli li ġejjin stipulati fl-Anness II għandu jakkumpanja kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina matul it-trasport minn Stat Membru għal ieħor:

(a) il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa IIA għall-kummerċ fl-Unjoni fil-kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura jew prodotti wara t-30 ta' Settembru 2014 skont id-Direttiva 92/65/KEE u mibgħuta minn tim approvat tal-ġbir jew tal-produzzjoni ta' embrijuni tal-oriġini tal-ova jew l-embrijuni;

(b) il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa IIB għall-kummerċ fl-Unjoni f'kunsinji ta' stokkijiet ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna skont id-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn tim approvat tal-ġbir jew tal-produzzjoni ta' embrijuni tal-oriġini tal-ova jew l-embrijuni;

(c) il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa IIC għall-kummerċ fl-Unjoni f'kunsinji ta' stokkijiet ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna skont id-Direttiva 92/65/KEE qabel l-1 ta' Settembru 2010 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn tim approvat tal-ġbir ta' embrijuni tal-oriġini tal-ova jew l-embrijuni."

(2) L-Annessi I u II jinbidlu bit-test stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Emendi fid-Deċiżjoni 2010/471/UE

Id-Deċiżjoni 2010/471/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont wieħed minn dawn il-mudelli li ġejjin stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness I; u li jimtela skont in-noti ta' spjegazzjoni stabbiliti fil-Parti 1 ta' dan l-Anness:

(i) MUDELL 1 — Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' kunsinji tas-semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura wara t-30 ta' Settembru 2014 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen;

(ii) MUDELL 2 — Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' kunsinji ta' stokkijiet tas-semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen;

(iii) MUDELL 3 — Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' kunsinji ta' stokkijiet tas-semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna qabel l-1 ta' Settembru 2010 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen;

(iv) MUDELL 4 — Il-mudell ta' ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' kunsinji ta':

— semen ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbur, ipproċessat u maħżun skont id-Direttiva 92/65/KEE wara t-30 ta' Settembru 2014 u mibgħut minn ċentru ta' ħażna tas-semen approvat;

— stokkijiet ta' semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna skont id- Direttiva 92/65/KEE:

a. wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014; jew

b. qabel l-1 ta' Settembru 2010;

u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru ta' ħażna tas-semen approvat.

Iżda, fejn hemm rekwiżiti speċifiċi stabbiliti dwar iċ-ċertifikazzjoni fi ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi, dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw."

(2) Fl-Artikolu 3, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont wieħed minn dawn il-mudelli li ġejjin stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness II, u li jimtela skont in-noti ta' spjegazzjoni stabbiliti fil-Parti 1 ta' dak l-Anness:

(i) MUDELL 1 — Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura jew prodotti wara t-30 ta' Settembru 2014 skont id-Direttiva 92/65/KEE u mibgħuta minn tim approvat tal-ġbir jew tal-produzzjoni ta' embrijuni tal-oriġini tal-ova jew l-embrijuni;

(ii) MUDELL 2 — Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' kunsinji ta' stokkijiet ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna skont id-Direttiva 92/65/KEE wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014 u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn tim approvat tal-ġbir jew tal-produzzjoni ta' embrijuni tal-oriġini tal-ova jew l-embrijuni.

Iżda, fejn hemm rekwiżiti speċifiċi stabbiliti dwar iċ-ċertifikazzjoni fi ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi, dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw."

(3) L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS I

MUDELL TA' ĊERTIFIKATI TAS-SAĦĦA GĦALL-KUMMERĊ FL-UNJONI TAL-KUNSINJI TAS-SEMEN TAL-ANNIMALI TAL-ISPEĊI EKWINA

PARTI A

Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa IA għall-kummerċ fl-Unjoni tal-kunsinji tas-semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina miġbura wara t-30 ta' Settembru 2014 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen

L-UNJONI EWROPEA **Ċertifikat għall-kummerċ intern**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja pprezentata

I.1. Speditur
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat

I.2.a Numru ta' referenza lokali

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiż tal-oriġini — Kodiċi ISO

I.9. Reġjun tal-oriġini — Kodiċi

I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO

I.11. Reġjun tad-destinazzjoni — Kodiċi

I.12. Post tal-oriġini
Ċentru tas-semen ☐
Isem
Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi postali

I.13. Post tad-destinazzjoni
Ċentru tas-semen ☐ Stabbiliment ☐
Isem
Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi postali

I.14.

I.15.

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi SA)
05 11 99 85

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti
Ambjentali ☐ Imkessħin ☐ Iffriżati ☐

I.22. Għadd ta' imballaġġi

I.23. Numru tas-Siġill/tal-kontenitur

I.24. Tip ta' imballaġġ

I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal:
Riproduzzjoni artifiċjali ☐

I.26. Tranżitu minn ġo pajjiż terz ☐
Pajjiż terz — Kodiċi ISO
Punt tal-ħruġ — Kodiċi
Punt tad-dħul — Nru tal-BIP

I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membri ☐
Stat Membru — Kodiċi ISO
Stat Membru — Kodiċi ISO
Stat Membru — Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż terz — Kodiċi ISO
Punt tal-ħruġ — Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-komoditajiet

Speċi (isem xjentifiku)	Identità tad-donatur	Data tal-ġbir	Kwantità

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti A**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. 1. Iċ-ċentru ta' ġbir tas-semen ([2]), li fih inġabret, ġiet ipproċessata u maħżuna għall-kummerċ is-semen deskritta hawn fuq, huwa approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skont il-Kapitolu I(I)(1) u l-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE ([3]);

II.1.1. matul il-perjodu li jibda 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir ta' semen deskritt hawn fuq sad-data li fiha s-semen friska jew imkessħa ntbagħtet jew sakemm skada l-perjodu ta' ħażna ta' 30 jum għas-semen iffriżata, iċ-ċentru ta' ġbir tas-semen;

II.1.1.1. kien jinsab fit-territorju jew fil-każ ta' reġjonalizazzjoni f'parti mit-territorju ([1]) ta' Stat Membru li ma kienx meqjus bħala infettat mill-marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE ([4]);

II.1.1.2. issodisfa l-kundizzjonijiet għall-azjendi stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE;

II.1.1.3. kien fih biss ekwidi li kienu ħielsa minn sinjali kliniċi tal-artrite virali ekwina u l-metrite ekwina kontaġġjuża;

II.2. L-ekwidi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 jew l-Artikoli 12 sa 16 tad-Direttiva 2009/156/KE biss ġew ammessi fiċ-ċentru.

II. 3. Is-semen deskritta hawn fuq inġabret minn żwiemel tal-għalla donaturi, li:

II.3.1. ma wrew ebda sinjal kliniku ta' mard infettiv jew kontaġġjuż fil-ħin tad-dħul fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen u fil-jum li nġabret is-semen;

II.3.2. inżammu għal 30 jum qabel il-ġbir tas-semen f'azjendi fejn l-ebda ekwin ma wera xi sinjal kliniku ta' arterite virali ekwina jew mitrite ekwina kontaġġjuża matul dak il-perjodu;

II.3.3. ma ntużawx għat-tgħammir naturali matul tal-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir ta' semen u mid-dati tal-ewwel kampjun imsemmi fil-paragrafi II.3.5.1., II.3.5.2. jew II.3.5.3. sa tmiem il-perjodu tal-ġbir;

II.3.4. għaddew it-testijiet, li mill-inqas jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu rilevanti tal-Manwal ta' Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE, imwettqa f'laboratorju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti u li t-testijiet imsemmija minn hawn 'il quddiem ikunu inklużi fl-akkreditazzjoni tal-awtorità skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 ([5]), kif ġej:

II.3.4.1. għall-anemija infettiva ekwina (AIE), test tal-immunodiffużjoni bil-ġell agar (it-test ta' Coggins jew AGID) jew assaġġ ta' immuno-assorbiment enzimatiku (ELISA) għall-anemija infettiva ekwina b'riżultat negattiv;

II.3.4.2. għall-artrite virali ekwina (AVE),

([1]) *jew* [II.3.4.2.1. test ta' newtralizzazzjoni tas-serum b'riżultat negattiv b'soluzzjoni ta' serum dilwita ta' wieħed f'erbgħa;]

([1]) *u/jew* [II.3.4.2.2. test ta' iżolament tal-vajrus, reazzjoni katina tal-polimeraży (PCR) jew PCR f'ħin reali b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollha taż-żiemel tal-għalla donatur;]

II.3.4.3. għall-metrite ekwina kontaġġjuża (MEK), test ta' identifikazzjoni tal-aġent imwettaq fuq tliet kampjuni (swabs) meħuda miż-żiemel tal-għalla donatur, għal darbtejn, b'intervall ta' mhux anqas minn sebgħat (7) ijiem mill-inqas mill-għant tal-penis (il-prepuzju), mill-uretra u l-fossa glandis;

F'ebda każ il-kampjuni ma ttieħdu aktar kmieni minn sebgħat (7) ijiem (trattament sistematiku) jew 21 jum (trattament lokali) wara t-trattament antimikrobiku taż-żiemel tal-għalla donatur u tqegħdu f'mezz ta' trasport bil-karbonju attivat, bħall-Amies, qabel id-dispaċċ lejn il-laboratorju fejn kienu soġġetti b'riżultat negattiv għal test għal:

([1]) *jew* [II.3.4.3.1. l-iżolament ta' *Taylorella equigenitalis* wara l-koltivazzjoni taħt kundizzjonijiet mikroerofiliċi għal tal-inqas sebgħat (7) ijiem, stabbiliti fi żmien 24 siegħa wara li jittieħdu l-kampjuni mill-annimal donatur, jew 48 siegħa li fihom il-kampjuni jinżammu mkessħa matul it-trasport;]

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti A**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([1]) *u/jew* [II.3.4.3.2. id-detezzjoni tal-ġenoma ta' *Taylorella equigenitalis* mill-PCR jew il-PCR f'ħin reali, imwettqa fi żmien 48 siegħa wara li jittieħdu l-kampjuni mill-annimal donatur;]

II.3.5. ġew soġġetti bir-riżultati speċifikati fil-punt II.3.4. f'kull każ għal tal-inqas wieħed mill-programmi ta' testijiet kif hemm fid-dettall fil-punti II.3.5.1., II.3.5.2 u II.3.5.3., kif ġej:

([6]) [II.3.5.1. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti kontinwament fiċ-ċentru ta' ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu ta' ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq, u ebda ekwidi fiċ-ċentru ta' ġbir tas-semen ma ġie f'kuntatt dirett ma' ekwidi ta' stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żiemel tal-għalla donatur.

It-testijiet deskritti fil-punt II.3.4. saru fuq kampjuni meħuda ([7]) miż-żiemel tal-għalla donatur għall-inqas darba fissena fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir jew qabel l-ewwel ġabra tas-semen maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' semen friska, imkessħa jew iffriżata u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel l-ewwel ġabra tas-semen.

([6]) [II.3.5.2. Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti fiċ-ċentru ta' ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu ta' ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq, iżda ħareġ miċ-ċentru taħt irresponsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu kontinwu ta' inqas minn 14-il jum, u/jew ekwidi oħra fiċ-ċentru ta' ġbir ġew f'kuntatt dirett ma' ekwidi ta' stat ta' saħħa inferjuri.

It-testijiet deskritti fil-punt II.3.4. saru fuq kampjuni meħuda ([7]) miż-żiemel tal-għalla donatur għall-inqas darba fissena fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir jew qabel l-ewwel ġabra tas-semen maħsuba għall-kummerċ ta' semen frisk, imkessaħ jew iffriżat, u mhux inqas minn 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' mill-inqas 30 jum qabel l-ewwel ġabra tas-semen,

kif ukoll matul il-perjodu ta' ġbir tas-semen maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' semen friska, imkessħa jew iffriżata, iż-żiemel tal-għalla donatur ġie suġġett għat-testijiet deskritti fil-punt II.3.4., kif ġej:

(a) għall-anemija infettiva ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II. 3.4.1. twettaq l-aħħar fuq kampjun taddemm meħud ([7]) mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt hawn fuq;

(b) għall-artrite virali ekwina:

([1]) *jew* [wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II. 3.4.2. twettaq l-aħħar fuq kampjun meħud ([7]) mhux aktar minn 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt hawn fuq;]

([1]) *jew* [fil-punt II. 3.4.2.2 twettaq fuq alikwota tas-semen kollha taż-żiemel tal-għalla donatur meħuda ([7]) mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data tal-ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq u kampjun taddemm meħud ([7])miż-żiemel tal-għalla donatur matul il-perjodu ta' sitt xhur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina f'dilwizzjoni tas-serum ta' aktar minn wieħed f'erbgħa;]

(c) għall-anemija kontaġġjuża ekwina, wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.3.4.3. twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud ([7]) mhux aktar minn 60 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen deskritt hawn fuq;

([1]) *jew* [darbtejn, tal-inqas sebat (7) ijiem bejnithom;]

([1]) *jew* [darba u suġġett għal PCR jew PCR f'ħin reali.]]

([6]) [II.3.5.3. Iż-żiemel tal-għalla donatur ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1.6(a) u (b) tal-Kapitolu II tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u s-semen tiġabar għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' semen iffriżata.

It-testijiet deskritti fil-punti II.3.4.1, II.3.4.2. u II.3.4.3 twettqu fuq kampjuni meħuda ([7]) miż-żiemel tal-għalla donatur mill-inqas darba fis-sena fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir,

kif ukoll it-testijiet deskritti fil-punti II.3.4.1 u II.3.4.3. twettqu fuq kampjuni meħuda miż-żiemel tal-għalla donatur ([7]) matul il-perjodu ta' ħażna tas-semen ta' perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel ma s-semen jitneħħa miċ-ċentru għall-ġbir tas-semen, mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara l-ġbir tas-semen deskritt hawn fuq,

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti A**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

kif ukoll (1) *jew* [it-testijiet għall-artrite virali ekwina deskritti fil-punt II.3.4.2. twettqu fuq kampjuni meħuda (7) matul il-perjodu ta' ħażna tas-semen ta' perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen u qabel ma s-semen jitneħħa miċ-ċentru għall-ġbir tas-semen jew jintuża, mhux inqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara l-ġbir tas-semen deskritt hawn fuq.]

(1) *jew* [l-istat non-sheddar taż-żmiel tal-għalla seropożittiv għall-artrite virali ekwina ġie kkonfermat minn test ta' iżolament virali, PCR jew PCR f'ħin reali mwettaq b'riżultat negattiv fuq kampjuni ta' alikwota tas-semen kollu taż-żiemel tal-għalla donatur meħud (7) darbtejn fis-sena f'intervall ta' għall-inqas erba' xhur u ż-żiemel tal-għalla donatur irreaġixxa b'riżultat pożittiv f'dilwizzjoni ta' serum ta' mill-inqas wieħed minn kull erbgħa f'test ta' newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite virali ekwina.]]

II.3.6. għadda mill-ittestjar previst fil-punt II.3.5. fuq kampjuni meħuda fid-dati li ġejjin

Identifikazzjoni tas-semen	Programm tat-testijiet	Data tal-bidu (7)		Data tat-teħid ta' kampjuni għal testijiet tas-saħħa (7)				
					AVE II.3.4.2.		CEM II.3.4.3.	
		Residenza tad-donatur	Ġbir tas-semen	AIE II.3.4.1.	Kampjun tad-demm	Kampjun tas-semen	1. kampjun	2. kampjun

(1) *jew* [II.4. Ma żdiedu l-ebda antibijotiċi mas-semen;]

(1) *jew* [II.4. L-antibijotiku jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejjin ġew miżjuda biex jipproduċu konċentrazzjoni fis-semen dilwita finali ta' mhux anqas minn (8): ..... ;]

II.5. Is-semen deskritta hawn fuq ġiet:

II.5.1. miġbura, ipproċessata, maħżuna u ttrasportata taħt kundizzjonijiet li jaqblu mal-ħtiġijiet tal-Kapitoli II(I) (1) and III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.5.2. fil-każ ta' semen iffriżata, maħżuna għal perjodu minimu ta' 30 jum mid-data tal-ġbir tas-semen;

II.5.3. intbagħtet lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat skont il-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti A**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.12.: Il-post ta' oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru ta' ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa I.13.: Il-post ta' destinazzjoni għandu jikkorrispondi maċ-ċentru tal-ġbir jew il-ħażna tas-semen jew l-azjenda ta' destinazzjoni tas-semen.

Kaxxa I.23.: L-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.31.: L-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

Parti II:

Gwida dwar kif timtela t-tabella fil-punt II.3.6.:

Taqsiriet:

AIE-1 Ittestjar għall-anemija infettiva ekwina (AIE) l-ewwel darba

AIE-2 Ittestjar għall-AIE t-tieni darba

AVE-B1 Ittestjar għall-artrite virali ekwina (AVE) fuq kampjun tad-demm l-ewwel darba

AVE-B2 Ittestjar għall-AVE fuq kampjun tad-demm it-tieni darba

AVE-S1 Ittestjar għall-AVE fuq kampjun tas-semen l-ewwel darba

AVE-S2 Ittestjar għall-AVE fuq kampjun tas-semen it-tieni darba

MEK-11 Ittestjar għall-metrite ekwina kontaġġjuża (MEK) l-ewwel darba l-ewwel kampjun

MEK-12 Ittestjar għall-MEK l-ewwel darba t-tieni kampjun meħud (7) sebgħat ijiem wara l-MEK-11

MEK-21 Ittestjar għall-MEK it-tieni darba l-ewwel kampjun

MEK-22 Ittestjar għall-MEK it-tieni darba t-tieni kampjun meħud (7) sebgħat ijiem wara l-MEK-21

Istruzzjonijiet:

Għal kull identifikazzjoni tas-semen fil-kolonna A fl-eżempju ta' hawn taħt, il-programm tat-testijiet (il-punti II.3.5.1., II.3.5.2. u/jew II.3.5.3.) għandu jiġi deskritt fil-kolonna B u l-kolonni C u D għandhom jimtlew bid-dati meħtieġa.

Id-dati li fihom ittieħdu l-kampjuni għall-ittestjar fil-laboratorju qabel l-ewwel ġbir tas-semen deskritt hawn fuq, kif meħtieġ fil-punti II.3.5.1, II.3.5.2 u II.3.5.3, għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' fuq tal-kolonni 5 sa 9 tal-iskeda, u dan ifisser il-kaxxi mmarkati AIE-1, AVE-B1 jew AVE-S1 u MEK-11 u MEK-12 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Id-dati li fihom ittieħdu l-kampjuni għall-ittestjar għal darb'oħra fil-laboratorju kif meħtieġ skont il-punt II.3.5.2. jew II.3.5.3. għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' isfel tal-kolonni 5 sa 9 fl-iskeda, u dan ifisser il-kaxxi AIE-2, AVE-B2 jew AVE-S2 u MEK-21 u MEK-22 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Identifikazzjoni tas-semen	Programm tat-testijiet	Data tal-bidu (7)		Data tat-teħid ta' kampjuni għal testijiet tas-saħħa (7)				
					AVE II.3.4.2.		MEK II.3.4.3.	
		Residenza tad-donatur	Ġbir tas-semen	AIE II.3.4.1.	Kampjun tad-demm	Kampjun tas-semen	1. kampjun	2. kampjun
A	B	C	D	AIE-1	AVE-B1	AVE-S1	MEK-11	MEK-12
				AIE-2	AVE-B2	AVE-S2	MEK-21	MEK-22

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti A**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(1) Ħassar kif xieraq

(2) Iċ-ċentri ta' ġbir tas-semen approvati biss elenkati skont l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm.

(3) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

(4) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.

(5) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

(6) Ingassal-programm(i) li ma japplika(w)x għall-kunsinja.

(7) Daħħal id-data fit-tabella fil-punt II.3.6 (segwi l-Gwida fil-Parti II tan-Noti).

(8) Daħħal l-ismijiet u l-konċentrazzjonijiet.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju uffiċjali

Isem (f'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Unità veterinarja lokali: Nru tal-UVL:

Data: Firma:

Timbru:

PARTI B

Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa IB għall-kummerċ fl-Unjoni tal-kunsinji ta' stokks tas-semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna wara l-31 ta' Awwissu 2010 u qabel l-1 ta' Ottubru 2014 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen

L-UNJONI EWROPEA **Ċertifikat għall-kummerċ intern**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja ppreżentata

I. 1. Speditur
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat

I.2.a. Numru ta' referenza lokali

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO

I.9. Reġjun tal-oriġini | Kodiċi

I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO

I.11. Reġjun tad-destinazzjoni | Kodiċi

I.12. Post tal-oriġini
Ċentru tas-semen ☐
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Numru tal-approvazzjoni

I.13. Post tad-destinazzjoni
Ċentru tas-semen ☐ Stabbiliment ☐
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Numru tal-approvazzjoni

I.14.

I.15.

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-komodità

I.19. Kodiċi tal-komodità (kodiċi SA)
05 11 99 85

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura tal-prodotti
Ambjentali ☐ Imkessħin ☐ Iffriżati ☐

I.22. Għadd ta' imballaġġi

I. 23. Numru tas-Siġill/tal-kontenitur

I.24. Tip ta' imballaġġ

I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal:
Riproduzzjoni artifiċjali ☐

I.26. Tranżitu minn ġo pajjiż terz ☐
Pajjiż terz | Kodiċi ISO
Punt tal-ħruġ | Kodiċi
Punt tad-dħul | Nru tal-BIP

I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membri ☐
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż terz | Kodiċi ISO
Punt tal-ħruġ | Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-komoditajiet

Speċi (isem xjentifiku)	Identità tad-donatur	Data tal-ġbir	Kwantità

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti B**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. Iċ-ċentru ta' ġbir tas-semen ([2]), li fih inġabret, ġiet ipproċessata u maħżuna għall-kummerċ is-semen deskritta hawn fuq, huwa approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skont il-Kapitolu I(I)(1) u l-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.1.1. matul il-perjodu mibdi 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġabra tas-semen deskritta hawn fuq sad-data li ntbgħatet is-semen friska jew imkessħa jew sakemm skada perjodu ta' ħażna ta' 30 jum fil-każ ta' semen iffriżata, iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.1.1.1. kien jinsab fit-territorju jew fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni f'parti mit-territorju ([1]) ta' Stat Membru li ma kienx meqjus bħala infettat mill-marda Afrikana taż-żwiemel skont l-Artikolu 5(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2009/156/KE ([3]);

II.1.1.2. issodisfa l-kundizzjonijiet għal azjenda stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2009/156/KE ([3]);

II.1.1.3. kien fih biss ekwidi li kienu ħielsa minn sinjali kliniċi tal-artrite virali ekwina u l-metrite ekwina kontaġġjuża;

II.2. L-ekwidi biss li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 jew l-Artikoli minn 12 sa 16 tad-Direttiva 2009/156/KE ([3]) ġew ammessi fiċ-ċentru.

II.3. Is-semen deskritta hawn fuq inġabret minn żwiemel tal-għalla donaturi, li:

II.3.1. ma wrew ebda sinjal kliniku ta' mard infettiv jew kontaġġjuż fil-ħin tad-dħul fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen u fil-jum li nġabret is-semen;

II.3.2. inżammu għal 30 jum qabel id-data tal-ġbir tas-semen f'azjendi fejn l-ebda ekwin ma wera xi sinjal kliniku ta' arterite virali ekwina jew mitrite ekwina kontaġġjuża matul dak il-perjodu;

II.3.3. ma ntużawx għat-tgħammir naturali matul tal-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir ta' semen u mid-dati tal-ewwel kampjun imsemmi fil-punti II.3.5.1., II.3.5.2. jew II.3.5.3. sa tmiem il-perjodu ta' ġbir;

II.3.4. għaddew mit-testijiet li ġejjin, li tal-anqas jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu rilevanti tal-Manwal ta' Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE, imwettqa fuq kampjuni meħuda skont wieħed mill-programmi speċifikati fil-punt II.3.5 f'laboratorju magħruf mill-awtorità kompetenti:

([1]) *jew* [II.3.4.1. test tal-immuno-diffużjoni bil-ġell agar (it-test ta' Coggins) għall-anemija infettiva ekwina (AIE) b'riżultat negattiv;]

([1]) *jew* [II.3.4.1. ELISA għall-anemija infettiva ekwina (AIE) b'riżultat negattiv;]

kif ukoll ([1]) *jew* [II.3.4.2. test ta' newtralizzazzjoni tas-serum għall-artrite virali ekwina (AVE) b'riżultat negattiv b'soluzzjoni ta' serum dilwita ta' wieħed f'erbgħa;]

([1]) *jew* [II.3.4.2. test ta' iżolament tal-vajrus għall-artrite virali ekwina (AVE) imwettaq b'riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollha taż-żiemel tal-għalla donatur;]

kif ukoll II.3.4.3. test ta' identifikazzjoni tal-aġent għall-metrite ekwina kontaġġjuża (MEK) imwettaq darbtejn fuq kampjuni meħuda b'intervall ta' sebat ijiem bl-iżolament ta' *Taylorella equigenitalis* wara kultivazzjoni ta' minn sebgħa 7 sa 14-il jum mill-fluwidu ta' qabel l-eġakulazzjoni jew kampjun tas-semen minn swabs ġenitali meħuda tal-inqas mill-għant tal-penis, l-uretra u l-fossa uretrali b'riżultat negattiv f'kull każ;

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti B**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.3.5.	ġew soġġetti bir-riżultati speċifikati fil-punt II.3.4. f'kull każ għal tal-inqas wieħed mill-programmi ta' testijiet ([4]) kif hemm fid-dettall fil-punti II.3.5.1., II.3.5.2 u II.3.5.3., kif ġej:	
II. 3.5.1.	Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti kontinwament fiċ-ċentru ta' ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu ta' ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq u ebda ekwidi fiċ-ċentru ta' ġbir tas-semen ma ġew f'kuntatt dirett ma' ekwidi ta' stat ta' saħħa inferjuri minn dak taż-żiemel tal-għalla donatur.	
	It-testijiet deskritti fil-punt II.3.4. twettqu fuq kampjuni meħuda qabel ([5]) l-ewwel ġbir tas-semen u tal-anqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' tal-anqas 30 jum.	
II. 3.5.2.	Iż-żiemel tal-għalla donatur kien residenti fiċ-ċentru ta' ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ewwel ġbir u matul il-perjodu ta' ġbir tas-semen kif deskritt hawn fuq, iżda ħareġ miċ-ċentru taħt ir-responsabbiltà tal-veterinarju taċ-ċentru għal perjodu kontinwu ta' inqas minn 14-il jum, u/jew ekwidi oħra fiċ-ċentru ta' ġbir ġew f'kuntatt dirett ma' ekwidi ta' stat ta' saħħa inferjuri.	
	It-testijiet deskritti fil-punt II.3.4. twettqu fuq kampjuni meħuda qabel ([5]) l-ewwel ġbir tas-semen u tal-anqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' residenza ta' tal-anqas 30 jum.	
kif ukoll	it-test deskritt fil-punt II.3.4.1. għall-anemija infettiva ekwina twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud ([5]) mhux aktar minn 90 jum qabel ma nġabret is-semen deskritta hawn fuq,	
kif ukoll	*([1]) jew*	[wieħed mit-testijiet deskritti fil-punt II.3.4.2. għall-artrite virali ekwina twettaq l-aħħar fuq kampjun tad-demm meħud ([5]) mhux aktar minn 30 jum qabel ma nġabret is-semen deskritta hawn fuq,]
	([1]) jew	[test tal-iżolament tal-vajrus għall-arterite ekwina virali twettaq b'riżultati negattivi fuq alikwota tas-semen kollha meħuda miż-żiemel tal-għalla donatur ([5]) mhux aktar minn sitt xhur qabel ma s-semen deskritta hawn fuq inġabret u kampjun tad-demm meħud fl-istess data ([5]) rreaġixxa b'mod pożittiv f'test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-arterite ekwina virali f'dilwazzjoni tas-serum ta' aktar minn wieħed f'erbgħa,]
kif ukoll		it-test deskritt fil-punt II.3.4.3. għall-metrite ekwina kontaġġjuża twettaq l-aħħar fuq kampjuni tad-demm meħuda ([5]) mhux aktar minn 60 jum qabel ma nġabret is-semen deskritta hawn fuq.
II.3.5.3.	It-testijiet deskritti fil-punt II.3.4. twettqu fuq kampjuni meħuda ([5]) qabel l-ewwel ġbir tas-semen tal-istaġun tat-tgħammir jew il-perjodu tal-ġbir tas-semen fis-sena li fiha tkun inġabret is-semen imsemmija hawn fuq,	
kif ukoll	it-testijiet deskritti fil-punt II.3.4. twettqu l-aħħar fuq kampjuni meħuda ([5]) mhux anqas minn 14-il jum u mhux aktar minn 90 jum wara l-ġbir tas-semen deskritt hawn fuq.	

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti B**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.3.6. għaddew mill-ittestjar previst fil-punt II.3.5. fuq kampjuni meħuda fid-dati li ġejjin:

Identifikazzjoni tas-semen	Programm tat-testijiet	Data tal-bidu ([5])		Data tat-teħid ta' kampjuni għal testijiet tas-saħħa ([5])				
		Residenza tad-donatur	Ġbir tas-semen	AIE II.3.4.1.	AVE II.3.4.2.		MEK II.3.4.3.	
					Kampjun tad-demm	Kampjun tas-semen	1. kampjun	2. kampjun

([1]) *jew* [II.4. Ebda antibijotiċi miżjuda mas-semen;]

([1]) *jew* [II.4. L-antibijotiku jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejjin ġew miżjuda biex jipproduċu konċentrazzjoni fis-semen dilwita finali ta' mhux anqas minn ([6]): ..... ;]

II.5. Is-semen deskritta hawn fuq ġiet:

II.5.1. miġbura, ipproċessata, maħżuna u ttrasportata taħt kundizzjonijiet li jaqblu mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II(I)(1) and III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.5.2. intbagħtet lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat skont il-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.12.: Il-post tal-oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru ta' ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen.

Kaxxa I.13.: il-post tad-destinazzjoni għandu jikkorrispondi maċ-ċentru tal-ġbir jew il-ħażna tas-semen jew l-azjenda ta' destinazzjoni tas-semen.

Kaxxa I.23.: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.31.: l-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

in-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru għandu jikkorrispondi man-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru tas-semen indikat fil-Kaxxa I.12 li fih inġabret is-semen.

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti B**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II:

Gwida dwar kif timtela l-Iskeda fil-punt II.3.6:

Taqsiriet:

AIE-1 Ittestjar għall-anemija infettiva ekwina (AIE) l-ewwel darba

AIE-2 Ittestjar għall-AIE t-tieni darba

AVE-B1 Ittestjar għall-artrite virali ekwina (AVE) fuq kampjun tad-demm l-ewwel darba

AVE-B2 Ittestjar għall-AVE fuq kampjun tad-demm it-tieni darba

AVE-S1 Ittestjar għall-AVE fuq kampjun tas-semen l-ewwel darba

AVE-S2 Ittestjar għall-AVE fuq kampjun tas-semen it-tieni darba

MEK-11 Ittestjar għall-metrite ekwina kontaġġjuża (MEK) l-ewwel darba l-ewwel kampjun

MEK-12 Ittestjar għall-MEK l-ewwel darba t-tieni kampjun meħud (7) sebgħat ijiem wara l-MEK-11

MEK-21 Ittestjar għall-MEK it-tieni darba l-ewwel kampjun

MEK-22 Ittestjar għall-MEK it-tieni darba t-tieni kampjun meħud (7) sebgħat ijiem wara l-MEK-21

Istruzzjonijiet:

Għal kull identifikazzjoni tas-semen fil-kolonna A fl-eżempju ta' hawn taħt, il-programm tat-testijiet (II.3.5.1., II.3.5.2. u/jew II.3.5.3.) għandu jiġi deskritt fil-kolonna B u l-kolonni C u D għandhom jimtlew bid-dati meħtieġa.

Id-dati li fihom ittieħdu l-kampjuni għall-ittestjar fil-laboratorju qabel l-ewwel ġbir tas-semen deskritt hawn fuq, kif meħtieġ fil-punti II.3.5.1, II.3.5.2 u II.3.5.3, għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' fuq tal-kolonni 5 sa 9 tal-iskeda, u dan ifisser il-kaxxi mmarkati AIE-1, AVE-B1 jew AVE-S1 u MEK-11 u MEK-12 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Id-dati li fihom ittieħdu l-kampjuni għall-ittestjar għal darb'oħra fil-laboratorju kif meħtieġ skont il-punt II.3.5.2. jew II.3.5.3. għandhom jiddaħħlu fil-linja ta' isfel tal-kolonni 5 sa 9 fl-iskeda, u dan ifisser il-kaxxi AIE-2, AVE-B2 jew AVE-S2 u MEK-21 u MEK-22 fl-eżempju ta' hawn taħt.

Identifikazzjoni tas-semen	Programm tat-testijiet	Data tal-bidu ([5])		Data tat-teħid ta' kampjuni għal testijiet tas-saħħa ([5])				
					AVE II.3.4.2.		MEK II.3.4.3.	
		Residenza tad-donatur	Ġbir tas-semen	AIE II.3.4.1.	Kampjun tad-demm	Kampjun tas-semen	1. kampjun	2. kampjun
A	B	C	D	AIE-1	AVE-B1	AVE-S1	MEK-11	MEK-12
				AIE-2	AVE-B2	AVE-S2	MEK-21	MEK-22

([1]) Ħassar kif xieraq

([2]) Iċ-ċentri ta' ġbir tas-semen approvati biss elenkati skont l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm.

([3]) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.

L-UNJONI EWROPEA **Semen ekwina – Parti B**

II.	Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a.	Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([4]) Ingassal-programm(i) li ma japplika(w)x għall-kunsinja.

([5]) Daħħal id-data fl-iskeda fil-punt II.3.6 (segwi l-Gwida fil-Parti II tan-Noti).

([6]) Daħħal l-ismijiet u l-konċentrazzjonijiet.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Veterinarju uffiċjali

Isem (f'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Unità veterinarja lokali: Nru tal-UVL:

Data: Firma:

Timbru:

PARTI C

Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa IC għall-kummerċ fl-Unjoni tal-kunsinji ta' stokks tas-semen tal-annimali tal-ispeċi ekwina miġbura, ipproċessati u maħżuna qabel l-1 ta' Settembru 2010 skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE u mibgħuta wara l-31 ta' Awwissu 2010 minn ċentru approvat tal-ġbir tas-semen tal-oriġini tas-semen

L-UNJONI EWROPEA **Ċertifikat għall-kummerċ intern**

Parti I: Dettalji tal-kunsinja ppreżentata

I.1. Speditur Isem Indirizz Kodiċi postali		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a. Numru ta' referenza lokali
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali		I.6.	
		I.7.	
